REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/825

tas-17 ta' Marzu 2022

li jemenda l-Anness II tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1062/2014 dwar il-programm ta' ħidma għall-evalwazzjoni sistematika tas-sustanzi attivi bijoċidali kollha li jeżistu fil-prodotti bijoċidali msemmijin fir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali [1], u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 89(1) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2014 [2] jistabbilixxi l-lista tal-kombinamenti ta' sustanza attiva u tip ta' prodott li huma inklużi fil-programm ta' rieżami tas-sustanzi attivi li jeżistu u li jinsabu fil-prodotti bijoċidali tas-6 ta' Novembru 2018.

(2) L-identitajiet ta' ċerti sustanzi attivi elenkati fl-Anness II tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1062/2014 ġew iddefiniti mill-ġdid skont l-Artikolu 13 ta' dak ir-Regolament sabiex jiġu identifikati b'mod aktar preċiż dawk is-sustanzi attivi u tiġi stabbilità l-identità tas-sustanza l-ġdida korrispondenti.

(3) Wara l-pubblikazzjoni mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("l-Aġenzija") ta' stedina miftuħa biex tieħu f'idejha r-rwol ta' parteċipanta għal ċerti kombinamenti ta' sustanza attiva u tip ta' prodott koperti mill-identità tas-sustanza eżistenti iżda mhux mill-identità l-ġdida tas-sustanza, il-kombinamenti ta' sustanza/tip ta' prodott innotifikati skont l-Artikolu 14(1)(b), u li l-Aġenzija sabet li huma konformi mal-Artikolu 17(2) tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1062/2014, jenħtieġ li jiġu inklużi fl-Anness II ta' dak ir-Regolament skont l-Artikolu 18 ta' dak ir-Regolament.

(4) Wara d-dikjarazzjonijiet li waslu skont l-Artikolu 16(4) tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1062/2014, ġiet ippubblikata stedina biex persuni b'xi interess ikunu jistgħu jinnotifikaw is-sustanzi attivi tat-tip ta' prodott 19 li kienu bbenefikaw mid-deroga għall-ikel u għall-għalf prevista mill-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1451/2007 [3]. Tressqu żewġ notifiki għall-butir tal-karawett u għall-brandy għall-użu tat-tip ta' prodott 19 skont l-Artikolu 16(5) u l-Aġenzija sabet li huma konformi mal-Artikolu 17(2) tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1062/2014. Dawk is-sustanzi attivi jenħtieġ li għalhekk jiġu inklużi fl-Anness II ta' dak ir-Regolament skont l-Artikolu 18 ta' dak ir-Regolament.

(5) Fl-Anness ta' dan ir-Regolament, jixraq li jiġu indikati l-Istati Membri li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jenħtieġ li jkunu l-awtoritajiet kompetenti tal-evalwazzjoni għall-kombinamenti ta' sustanza attiva u tip ta' prodott li jridu jiżdiedu mal-Anness II tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1062/2014.

(6) Is-sustanzi attivi li għalihom ġiet adottata d-deċiżjoni ta' approvazzjoni jew ta' nuqqas ta' approvazzjoni wara s-6 ta' Novembru 2018 għal tip ta' prodott wieħed jew aktar, jew li ġew inklużi fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 skont l-Artikolu 28(1) ta' dak ir-Regolament, ma għadhomx fil-programm ta' rieżami. Għalhekk, jenħtieġ li dawk is-sustanzi attivi ma jibqgħux inklużi fl-Anness II tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1062/2014 għat-tipi ta' prodotti kkonċernati.

[1] ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1.

[2] Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2014 tal-4 ta' Awwissu 2014 dwar il-programm ta' ħidma għall-evalwazzjoni sistematika tas-sustanzi attivi bijoċidali kollha li jeżistu fil-prodotti bijoċidali msemmijin fir-Regolament (UE) Nru 528/2012 (ĠU L 294, 10.10.2014, p. 1).

[3] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1451/2007 tal-4 ta' Diċembru 2007 dwar it-tieni fażi tal-programm ta' ħidma ta' 10 snin imsemmi fl-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward it-tqegħid fis-suq ta' prodotti bijoċidali (ĠU L 325, 11.12.2007, p. 3).

(7) Sabiex tkun riflessa s-sitwazzjoni attwali u għal raġunijiet ta' trasparenza, jixraq li tiġi pprovduta lista tal-kombinamenti ta' sustanza attiva u tip ta' prodott inklużi fil-programm ta' rieżami tas-sustanzi attivi eżistenti li jinsabu fil-prodotti bijoċidali dakinhar tal-adozzjoni ta' dan ir-Regolament.

(8) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1062/2014 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1062/2014 huwa sostitwit bl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Marzu 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

"ANNESS II

KOMBINAMENTI TA' SUSTANZA/TIP TA' PRODOTT INKLUŻI FIL-PROGRAMM TA' RIEŻAMI FIS-17 TA'MARZU 2022

Kombinamenti ta' sustanza attiva/tip ta' prodott appoġġati fis-17 ta'Marzu 2022, minbarra kull nanomaterjal ieħor mhux imsemmi b' mod espliċitu fl-entrata 1017 u minbarra kull ġenerazzjoni *in situ* tas-sustanza attiva ħlief meta tissemma b'mod espliċitu bir-referenza għall-prekursur(i) appoġġat(i)

Numru tal-entrata	Isem is-sustanza	Stat Membru Relatur	Numru KE	Numru CAS	1	2	3	4	5	6	7	8	9	10	11	12	13	17	18	19	21	22
1	Formaldeid	DE	200-001-8	50-00-0																		x
9	Bronopol	ES	200-143-0	52-51-7		x				x					x	x						x
36	Etanol	EL	200-578-6	64-17-5	x	x		x														
37	Aċidu formiku	BE	200-579-1	64-18-6		x	x	x	x	x												
1025	Aċidu performiku ġġenerat mill-aċidu formiku u mill-perossidu tal-idroġenu	BE				x		x							x	x						
43	Aċidu saliċiliku	NL	200-712-3	69-72-7		x	x	x														
52	Ossidu tal-etilen	NO	200-849-9	75-21-8		x																
69	Aċidu glikoliku	NL	201-180-5	79-14-1		x	x	x														
1026	Aċidu peraċetiku ġġenerat mit-tetraaċetiletilendiammina (TAED) u mill-perossidu tal-idroġenu	AT				x																
1027	Aċidu peraċetiku ġġenerat mill-aċetattal-1,3-diaċetilossipropan-2-il u mill-perossidu tal-idroġenu	AT				x																
71	Aċidu L-(+)-lattiku	DE	201-196-2	79-33-4						x												

Numru tal-entrata	Isem is-sustanza	Stat Membru Relatur	Numru KE	Numru CAS	1	2	3	4	5	6	7	8	9	10	11	12	13	17	18	19	21	22
79	(2R,6aS,12a-S)-1,2,6,6a,12,12a-Eżaidro-2-isopropenil-8,9-dimetossikromeno[3,4-b]furo[2,3-h]kromen-6-on (Rotenon)	PL	201-501-9	83-79-4														x				
85	Simklożen	DE	201-782-8	87-90-1		x	x	x	x						x							
92	Bifenil-2-ol	ES	201-993-5	90-43-7							x		x	x								
113	3-Fenil-propen-2-al (Ċinnamaldeid)	PL	203-213-9	104-55-2		x																
117	Ġeranjol	FR	203-377-1	106-24-1															x	x		
122	Gliossal	FR	203-474-9	107-22-2		x	x	x														
133	Aċidu eża-2,4-dienojku (Aċidu sorbiku)	DE	203-768-7	110-44-1						x												
171	2-Fenossietanol	IT	204-589-7	122-99-6	x	x		x		x							x					
180	Dimetilarsinat tas-sodju (Kakodilat tas-sodju)	PT	204-708-2	124-65-2															x			
185	Tosilklorammid sodiku (Kloramina T)	ES	204-854-7	127-65-1		x	x	x	x													
187	Dimetilditijokarbamat tal-potassju	SE	204-875-1	128-03-0									x		x	x						
188	Dimetilditijokarbamat tas-sodju	SE	204-876-7	128-04-1									x		x	x						
227	2-Tijażol-4-il-1H-benżojmidażol (Tijabendażol)	ES	205-725-8	148-79-8							x		x	x								

Numru tal-entrata	Isem is-sustanza	Stat Membru Relatur	Numru KE	Numru CAS	1	2	3	4	5	6	7	8	9	10	11	12	13	17	18	19	21	22
235	Dijuron	DK	206-354-4	330-54-1							x			x								
239	Ċjanammid	DE	206-992-3	420-04-2			x												x			
283	Terbutrin	SK	212-950-5	886-50-0							x		x	x								
292	(1,3,4,5,6,7-Eżaidro-1,3-diosso-2H-isoindol-2-il)metil-(1R-trans)-2,2-dimetil-3-(2-metilprop-1-enil) ċiklopropankarbossilat (d-Tetrametrina)	DE	214-619-0	1166-46-7															x			
321	Monolinuron	HU	217-129-5	1746-81-2		x																
330	N-(3-Amminopropil)-N-dodeċilpropan-1,3-diammina (Diammina)	PT	219-145-8	2372-82-9		x	x	x		x		x			x	x	x					
336	2,2'-Ditijobis [N-metilbenżammid] (DTBMA)	PL	219-768-5	2527-58-4						x												
339	1,2-Benżisotijażol-3 (2H)-on (BIT)	ES	220-120-9	2634-33-5		x				x			x		x	x	x					
341	2-Metil-2H-isotijażol-3-on (MIT)	SI	220-239-6	2682-20-4						x												
346	Dikloroisoċjanurat tas-sodju, diidrat	DE	220-767-7	51580-86-0		x	x	x	x						x							
345	Troklożen sodiku	DE	220-767-7	2893-78-9		x	x	x	x						x							
348	Etilsulfat tal-meċetronju (MES)	PL	221-106-5	3006-10-8	x																	

Numru tal-entrata	Isem is-sustanza	Stat Membru Relatur	Numru KE	Numru CAS	1	2	3	4	5	6	7	8	9	10	11	12	13	17	18	19	21	22
359	Formaldeid rilaxxat minn (Etilendiossi)dimetanol (Prodotti tar-reazzjoni tal-etilenglikol mal-paraformaldeid (EGForm))	PL	222-720-6	3586-55-8						x					x	x	x					
365	1-Ossidu tal-Piridina-2-tijo, melħ tas-sodju (Piritijon tas-sodju)	SE	223-296-5	3811-73-2		x				x	x		x	x			x					
368	3-Kloroalliloklorur tal-metenammina (CTAC)	PL	223-805-0	4080-31-3						x						x	x					
377	2,2′,2″-(Eżaidro-1,3,5-triażina-1,3,5-triil)trietanol (HHT)	PL	225-208-0	4719-04-4						x					x	x	x					
382	Tetraidro-1,3,4,6-tetrakis(idrossimetil)imidażo [4,5-d]imidażol-2,5 (1H,3H)-dijon (TMAD)	ES	226-408-0	5395-50-6						x					x	x	x					
392	Ditijoċjanat tal-metilen	FR	228-652-3	6317-18-6												x						
393	1,3-Bis (idrossimetil)-5,5-dimetilimidażolidina-2,4-dijon (DMDMH)	PL	229-222-8	6440-58-0						x							x					
397	Klorur tad-dideċildimetilammonju (DDAC)	IT	230-525-2	7173-51-5	x	x				x				x	x	x						
401	Fidda	SE	231-131-3	7440-22-4		x		x	x						x							

Numru tal-entrata	Isem is-sustanza	Stat Membru Relatur	Numru KE	Numru CAS	1	2	3	4	5	6	7	8	9	10	11	12	13	17	18	19	21	22
405	Diossidu tal-kubrit iġġenerat mill-kubrit bil-kombustjoni	DE						x														
424	Bromu attiv iġġenerat mill-bromur tas-sodju u mill-ipoklorit tas-sodju	NL				x									x	x						
1030	Bromu attiv iġġenerat mill-bromur tas-sodju u mill-ipoklorit tal-kalċju	NL				x									x	x						
1031	Bromu attiv iġġenerat mill-bromur tas-sodju u mill-kloru	NL				x									x	x						
1032	Bromu attiv iġġenerat mill-bromur tas-sodju bl-elettroliżi	NL				x									x	x						
1033	Bromu attiv iġġenerat mill-aċidu ipobromuż u mill-urea u l-bromourea	NL													x	x						
1034	Bromu attiv iġġenerat mill-ipobromit tas-sodju u mill-N-bromosulfamat u mill-aċidu sulfamiku	NL													x							
434	Tetrametrina	DE	231-711-6	7696-12-0															x			
439	Perossidu tal-idroġenu	FI	231-765-0	7722-84-1											x	x						

Numru tal-entrata	Isem is-sustanza	Stat Membru Relatur	Numru KE	Numru CAS	1	2	3	4	5	6	7	8	9	10	11	12	13	17	18	19	21	22
1036	Perossidu tal-idroġenu rilaxxat mill-perkarbonat tas-sodju	FI				x	x															
444	7a-Etildiidro-1H,3H,5H-ossażolo[3,4-c]ossażol (EDHO)	PL	231-810-4	7747-35-5						x							x					
450	Nitrat tal-fidda	SE	231-853-9	7761-88-8	x																	
453	Perossodisulfat tad-disodju	PT	231-892-1	7775-27-1				x														
432	Kloru attiv rilaxxat mill-ipoklorit tas-sodju	IT													x	x						
455	Kloru attiv rilaxxat mill-ipoklorit tal-kalċju	IT													x							
457	Kloru attiv rilaxxat mill-kloru	IT													x							
458	Monoklorammina ġġenerata mis-sulfat tal-ammonju u minn sors tal-kloru	FR													x	x						
1016	Klorur tal-fidda	SE	232-033-3	7783-90-6	x	x				x	x		x									
1076	Klorur tal-fidda-polietilenimmina	SE			x	x							x									
491	Diossidu tal-kloru	DE	233-162-8	10049-04-4		x	x	x	x						x	x						

Numru tal-entrata	Isem is-sustanza	Stat Membru Relatur	Numru KE	Numru CAS	1	2	3	4	5	6	7	8	9	10	11	12	13	17	18	19	21	22
1037	Diossidu tal-kloru ġġenerat mill-klorit tas-sodju bl-elettroliżi	PT				x	x	x	x						x	x						
1038	Diossidu tal-kloru ġġenerat mill-klorit tas-sodju bl-aċidifikazzjoni	PT				x	x	x	x						x	x						
1039	Diossidu tal-kloru ġġenerat mill-klorit tas-sodju bl-ossidazzjoni	PT				x	x	x	x						x	x						
1040	Diossidu tal-kloru ġġenerat mill-klorat tas-sodju u mill-perossidu tal-idroġenu fil-preżenza ta' aċidu qawwi	PT				x			x						x	x						
494	2,2-Dibromo-2-ċjanoaċetammid (DBNPA)	DK	233-539-7	10222-01-2		x		x		x					x	x						
1022	Pentaidrossidu tal-klorur tad-dialuminju	NL	234-933-1	12042-91-0		x																
1075	Prodotti tar-reazzjoni tat-triidrossidu tal-aluminju u tal-aċidu idrokloriku u tal-aluminju u tal-ilma	NL				x																
515	Klorammina attivata bil-bromur (BAC) iġġenerata mill-prekursuri bromur tal-ammonju u ipoklorit tas-sodju	SE													x	x						

Numru tal-entrata	Isem is-sustanza	Stat Membru Relatur	Numru KE	Numru CAS	1	2	3	4	5	6	7	8	9	10	11	12	13	17	18	19	21	22
522	Żingu piritijon	SE	236-671-3	13463-41-7		x				x	x		x	x							x	
524	Monoidroklorur tad-dodeċilgwanidina	ES	237-030-0	13590-97-1						x					x							
529	Bromu attiv iġġenerat mill-klorur tal-bromu	NL													x							
531	(Benżilossi)metanol	AT	238-588-8	14548-60-8						x							x					
550	Aċidu D-glukoniku, kompost bl-N,N-bis (4-klorofenil)-3,12-diimmino-2,4,11,13-tetraażatetradekanediammidina (2:1) (CHDG)	PT	242-354-0	18472-51-0	x	x	x															
554	p-[(Dijodometil)sulfonil] toluwen	CH	243-468-3	20018-09-1						x	x		x	x								
559	Tijoċjanat tal-(benżotijażol-2-iltijo) metil (TCMTB)	NO	244-445-0	21564-17-0									x			x						
562	2-Metil-4-osso-3-(prop-2-inil)ċiklopent-2-en-1-il-2,2-dimetil-3-(2-metilprop-1-enil) ċiklopropankarbossilat (Pralletrina)	EL	245-387-9	23031-36-9															x			
566	Prodotti tar-reazzjoni tal-paraformaldeid u tat-2-idrossipropilammina (proporzjon 1:1) (HPT)	AT				x				x					x		x					

Numru tal-entrata	Isem is-sustanza	Stat Membru Relatur	Numru KE	Numru CAS	1	2	3	4	5	6	7	8	9	10	11	12	13	17	18	19	21	22
571	2-Ottil-2H-isotijażol-3-on (OIT)	FR	247-761-7	26530-20-1						x	x		x	x	x		x					
577	Klorur tad-dimetilottadeċil [3-(trimetossisilil)-propil]ammonju	ES	248-595-8	27668-52-6		x					x		x									
588	Bromokloro-5,5-dimeti-limidażolidina-2,4-dijon (BCDMH)	NL	251-171-5	32718-18-6		x									x	x						
590	3-(4-Isopropilfe-nil)-1,1-dimetilurea (Isoproturon)	DE	251-835-4	34123-59-6							x			x								
599	Tijofosfat tal-S-[(6-kloro-2-ossoossażolo[4,5-b] piridina-3(2H)-il)metil] O,O-dimetil (Ażametifos)	IT	252-626-0	35575-96-3															x			
608	Klorur tad-dimetiltetradeċil [3-(trimetossisilil)propil] ammonju	PL	255-451-8	41591-87-1									x									
1045	*Żejt tal-Eucalyptus citriodora, idratat, ċikliżat*	CZ		1245629-80-4																x		
1046	Żejt tas-*Cymbopogon winterianus*, frazzjonat, idratat, ċikliżat	CZ	Mhux disponibbli	Mhux disponibbli																x		

Numru tal-entrata	Isem is-sustanza	Stat Membru Relatur	Numru KE	Numru CAS	1	2	3	4	5	6	7	8	9	10	11	12	13	17	18	19	21	22
619	3-Jodo-2-propinilbutilkarbamat (IPBC)	DK	259-627-5	55406-53-6							x		x	x								
620	Sulfat tat-tetrakis (idrossimetil)fosfonju (2:1) (THPS)	MT	259-709-0	55566-30-8						x					x	x						
648	4,5-Dikloro-2-ottilisotijażol-3 (2H)-on (4,5-Dikloro-2-ottil-2H- isotijażol-3-on (DCOIT))	NO	264-843-8	64359-81-5							x		x	x	x							
656	Prodotti tar-reazzjoni tal-paraformaldeid u tat-2-idrossipropilammina (proporzjon 3:2) (MBO)	AT				x				x					x	x	x					
667	Klorur tal-alkil (C_{12-18}) dimetilbenżil ammonju (ADBAC (C_{12-18}))	IT	269-919-4	68391-01-5	x	x	x	x						x	x	x						x
671	Klorur tal-alkil (C_{12-16}) dimetilbenżil ammonju (ADBAC/BKC ($C_{12}C_{16}$))	IT	270-325-2	68424-85-1	x	x								x	x	x						x
673	Klorur tad-dideċildimetilammonju (DDAC (C_{8-10}))	IT	270-331-5	68424-95-3	x	x	x	x		x				x	x	x						

Numru tal-entrata	Isem is-sustanza	Stat Membru Relatur	Numru KE	Numru CAS	1	2	3	4	5	6	7	8	9	10	11	12	13	17	18	19	21	22
690	Komposti tal-ammonju kwaternarju, benżil-C_{12-18}-alkildimetil, imlieħ bil-1,2-benżisotijażol-3 (2H)-on 1,1-diossidu (1:1) (ADBAS)	MT	273-545-7	68989-01-5		x		x														
691	N-(Idrossimetil)gliċinat tas-sodju	AT	274-357-8	70161-44-3						x												
693	Bis(perossimonosulfat) bis(sulfat) tal-pentapotassju (KPMS)	SI	274-778-7	70693-62-8		x	x	x	x													
939	Kloru attiv iġġenerat mill-klorur tas-sodju bl-elettroliżi	SK													x							
1049	Kloru attiv iġġenerat mill-klorur tas-sodju u mill-bis(perossimonosulfat) bis(sulfat) tal-pentapotassju	SI				x	x	x	x													
1050	Kloru attiv iġġenerat mill-ilma baħar (klorur tas-sodju) bl-elettroliżi	FR													x							
1051	Kloru attiv iġġenerat mill-klorur tal-manjeżju eżaidrat u mill-klorur tal-potassju bl-elettroliżi	FR				x																

Numru tal-entrata	Isem is-sustanza	Stat Membru Relatur	Numru KE	Numru CAS	1	2	3	4	5	6	7	8	9	10	11	12	13	17	18	19	21	22
1054	Kloru attiv iġġenerat mill-N-klorosulfamat tas-sodju	SI						x							x	x						
701	Bis[monoperossiftalatu (2-)-O1,OO1]manjeżat (2-) tad-diidroġenu (MMPP)	PL	279-013-0	84665-66-7		x																
1024	Estratt tal-margosa miż-żejt ippressat bil-kiesaħ mill-qlub tal-*Azadirachta Indica* estratt permezz tad-diossidu tal-karbonju superkritiku	DE																	x			
724	Klorur tal-alkil (C_{12}-C_{14}) dimetilbenżilammonju (ADBAC (C_{12}-C_{14}))	IT	287-089-1	85409-22-9	x	x	x	x						x	x	x						x
725	Klorur tal-alkil (C_{12}-C_{14}) dimetil(etilbenżil) ammonju (ADEBAC (C_{12}-C_{14}))	IT	287-090-7	85409-23-0	x	x	x	x						x	x	x						x
1057	Estratt tal-*Chrysanthemum cinerariaefolium* minn fjuri miftuħa u maturi tat-*Tanacetum cinerariifolium* miksuba b'solvent tal-idrokarbur	ES																	x	x		

Numru tal-entrata	Isem is-sustanza	Stat Membru Relatur	Numru KE	Numru CAS	1	2	3	4	5	6	7	8	9	10	11	12	13	17	18	19	21	22
1058	Estratt tal-*Chrysanthemum cinerariaefolium* minn fjuri miftuħa u maturi tat-*Tanacetum cinerariifolium* miksuba bid-diossidu tal-karbonju superkritiku	ES																	x	x		
744	Estratt tal-Lavanda, *Lavandula hybrida*,/Żejt tal-Lavandina	PT	294-470-6	91722-69-9																x		
779	Prodotti tar-reazzjoni tal-: aċidu glutamiku u tal-N-(C_{12}-C_{14}-alkil) propilendiammina (Glukoprotammina)	DE	403-950-8	164907-72-6		x		x														
785	aċidu 6-(Ftalimmido) perossieżanojku (PAP)	IT	410-850-8	128275-31-0	x	x																
791	2-Butil-benżo[d] isotijażol-3-on (BBIT)	CZ	420-590-7	4299-07-4						x	x		x	x			x					
792	Diossidu tal-kloru ġġenerat minn kumpless tat-tetraklorodekaossidu (TCDO) permezz tal-aċidifikazzjoni	DE				x		x														
811	Fosfat tal-fidda tas-sodju tal-idroġenu taż-żirkonju	SE	422-570-3	265647-11-8				x					x									

Numru tal-entrata	Isem is-sustanza	Stat Membru Relatur	Numru KE	Numru CAS	1	2	3	4	5	6	7	8	9	10	11	12	13	17	18	19	21	22
797	Klorur taċ-ċis-1-(3-kloroallil)-3,5,7-triaża-1-ażonjaadamantan (ċis CTAC)	PL	426-020-3	51229-78-8						x							x					
1014	Żeolit tal-fidda	SE	Mhux disponibbli	Mhux disponibbli				x					x									
152	Prodotti tar-reazzjoni tal-5,5-dimetilidantoina, 5-etil-5-metilidantoina mal-bromu u mal-kloru (DCDMH)	NL	Mhux disponibbli	Mhux disponibbli											x							
459	Massa tar-reazzjoni tad-diossidu tat-titanju u tal-klorur tal-fidda	SE	Mhux disponibbli	Mhux disponibbli	x	x				x	x		x	x	x							
777	Prodotti tar-reazzjoni bejn il-5,5-dimetilidantoina, il-5-etil-5-metilidantoina ul-kloru (DCEMH)	NL	Mhux disponibbli	Mhux disponibbli											x							
810	~~H~~ġieġ tal-fosfat tal-fidda	SE	Mhux disponibbli	308069-39-8		x					x		x									
1077	~~H~~ġieġ tal-borofosfat tal-fidda	SE				x					x		x									
1078	~~H~~ġieġ tal-fosfoborat tal-fidda	SE				x					x		x									
824	Żeolit taż-żingu u tal-fidda	SE	Mhux disponibbli	130328-20-0		x		x			x		x									

Numru tal-entrata	Isem is-sustanza	Stat Membru Relatur	Numru KE	Numru CAS	1	2	3	4	5	6	7	8	9	10	11	12	13	17	18	19	21	22
1013	Żeolit tar-ram u tal-fidda	SE	Mhux disponibbli	130328-19-7				x					x									
1017	Fidda adsorbita fuq id-diossidu tas-siliċju (bħala nanomaterjal fil-forma ta' aggregat stabbli b'partikuli primarji fin-nanoskala)	SE	Mhux disponibbli	Mhux disponibbli									x									
854	(RS)-3-Allil-2-metil-4-ossoċiklopent-2-enil-(1R,3R;1R, 3S)-2,2-dimetil-3-(2-metilprop-1-enil)-ċiklopropankarbossilat (taħlita ta' 4 iżomeri 1R trans, 1R: 1R trans, 1S: 1R ċis, 1R: 1R ċis, 1S 4:4:1:1) (d-Alletrina)	DE	Prodott għall-protezzjoni tal-pjanti	231937-89-6															x			
843	4-Bromo-2-(4-klorofenil)-1-etossimetil-5-trifluworometilpirrol-3-karbonitril (Klorfenapir)	PT	Prodott għall-protezzjoni tal-pjanti	122453-73-0															x			
859	Polimeru tal-N-Metilmetanammina (EINECS 204-697-4) bil-(klorometil)ossiran (EINECS 203-439-8)/ Klorur tal-ammonju kwaternarju polimeriku (Polimeru PQ)	HU	Polimeru	25988-97-0		x									x							

Numru tal-entrata	Isem is-sustanza	Stat Membru Relatur	Numru KE	Numru CAS	1	2	3	4	5	6	7	8	9	10	11	12	13	17	18	19	21	22
869	Poli(ossi-1,2-etanediil),. alfa.-[2-(dideċilmetilam-monjo)etil]-.omega.-idrossi-, propanoat (melħ) (Bardap 26)	IT	Polimeru	94667-33-1		x		x						x								
872	Borat tal-N-Dideċil-N-dipolietossiammonju/ Borat tad-dideċilpoliossetilam-monju (Betaina polimerika)	EL	Polimeru	214710-34-6								x										
1070	Estratt tal-laringè ħelu *Estratti u d-derivati tagħhom immodifikati fiżikament bħal tinturi, konkreti, assoluti, żjut essenzjali, oleorežini, terpeni, frazzjonijiet ħielsa mit-terpeni, distillati, residwi, eċċ., miksuba minn Citrus sinensis, Rutaceae.*	CH	232-433-8	8028-48-6																x		
1071	Estratt tat-tewm *Estratti u d-derivati tagħhom immodifikati fiżikament bħal tinturi, konkreti, assoluti, żjut essenzjali, oleorežini, terpeni, frazzjonijiet ħielsa mit-terpeni, distillati, residwi, eċċ., miksuba minn Allium sativum, Liliaceae.*	AT	232-371-1	8008-99-9																x		

Numru tal-entrata	Isem is-sustanza	Stat Membru Relatur	Numru KE	Numru CAS	1	2	3	4	5	6	7	8	9	10	11	12	13	17	18	19	21	22
1072	Brandy	għad irid jiġi deċiż (tbd)	Mhux disponibbli	Mhux disponibbli																x		
1073	Butir tal-karawett	BE	Mhux disponibbli	Mhux disponibbli																x		
1074	Ram, trab	FR	231-159-6	7440-50-8																	X”	